MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 2505/2000/1

**John Mary Garnisi**

**v.**

**Freeport Terminal (Malta) Limited u Oswald Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni, sollevata mill-Qorti *ex officio* fl-udjenza tal-21 ta’ Marzu 2007, dwar jekk l-appell incidentali tal-appellat John Mary Garnisi ghandux jigi dikjarat dezert o meno skond il-ligi.

**2.** Il-konvenuti Freeport Terminal (Malta) Limited u Oswald Caruana ppresentaw rikors ta' appell fid-29 ta' Ottubru 2004. Dan gie debitament notifikat lil John Mary Garnisi fit-8 ta' Novembru 2004 – ara riferta a fol. 1 (tergo) tal-atti tal-appell. Fid-19 ta' Novembru 2004 Garnisi ppresenta risposta u appell incidentali. Huwa indika, korrettement, il-persuni li kellhom jigu notifikati bhala l-Freeport Terminal (Malta) Limited f'Kalafrana u lil Oswald Caruana fl-indirizz 110 Flat 7, St Christopher Street, Valletta – ara fol. 12 tal-atti tal-appell u l-*folder* a fol. 7. Dan l-indirizz tal-Belt Valletta huwa l-istess wiehed indikat mill-appellat, allura attur, fic-citazzjoni minnu ppresentata quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 2, tergo, tal-atti quddiem l-ewwel Qorti). Jinghad mill-ewwel li dan ma hux kaz fejn persuna wahda setghet tigi notifikata ghan-nom ta' tnejn jew aktar skond ma jipprovdi l-Artikolu 186 tal-Kap. 12, minkejja li fir-rikors ta' appell l-appellanti, fl-ahhar faccata tar-rikors, indikaw indirizz wiehed – anke b'indirizz wiehed kellha ssir notifika lil kull wahda mill-partijiet skond ma jipprovdi l-Artikolu 185.

**3.** Din ir-risposta giet notifikata biss lill-Freeport Terminal (Malta) Limited f'Kalafrana, u dan fl-24 ta' Novembru 2004; ir-riferta fir-rigward ta' Oswald Caruana fl-indirizz moghti fil-Belt Valletta hija negattiva – ara z-zewg riferti a fol. 7 (tergo) tal-atti tal-appell. La l-Freeport Terminal u lanqas Oswald Caruana ma ppresentaw risposta ghall-appell incidentali. L-avviz tas-smigh tal-appell gie notifikat lill-Freeport Terminal (Malta) Limited, lil Oswald Caruana u lil John Mary Garnisi fi tliet indirizzi differenti (ara fol. 14, tergo, tal-atti tal-appell). Il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Marzu 2007 jghid hekk: *"Meta ssejjah l-appell deher Dr Joseph A. Schembri ghall-konvenuti appellanti Freeport Terminal (Malta) Ltd u Oswald Caruana. Deher Dr Pawlu Lia ghall-attur appellat John Mary Garnisi. Il-Qorti tosserva li l-appell incidentali ta' John Mary Garnisi ghalkemm gie notifikat lill-Freeport Terminal (Malta) Limited fl-24 ta' Novembru 2004 baqa' qatt ma gie notifikat lil Oswald Caruana kif jirrizulta minn dak li hemm a fol. 7 tergo ta' l-atti ta' l-appell. Dr Pawlu Lia jikkontendi li dan il-fatt ma jgibx id-dezerzjoni ta' l-appell*

*incidentali. Dr Pawlu Lia jitlob li jaghmel nota ta' riferenzi fuq dan il-punt u cioe` jekk l-appell incidentali f'dan il-kaz ghandux jigi dikjarat kompletament dezert jew inkella dezert biss fil-konfront ta' Oswald Caruana. Il-Qorti tiddifferixxi l-appell ghal provvediment limitatament fuq dan il-punt ghat-30 ta' April 2007 f'nofs in-nhar u ghall-eventwali trattazzjoni tal-bqija jekk ikun il-kaz, b'dan li Dr Pawlu Lia ikollu sal-10 ta' April zmien biex jippresenta nota ta' riferenzi."*

**4.** In-nota – mhux ta' riferenzi izda addirittuta ta' sottomissjonijiet – giet presentata fid-19 ta' April 2007. F'din in-nota tieghu l-appellat Garnisi jippuntwalizza (1) li f'dan il-kaz il-parti li ma gietx notifikata ma tatx l-eccezzjoni tad-deserzjoni, u li ghalhekk din giet rinunzjata implicitament; (2) li l-Artikolu 963(5)(b) jipprovdi li mhux l-appell izda l-kawza kollha kemm hi titqies dezerta, u f'dan il-kaz din il-kawza ma tistax titqies dezerta ghax hemm l-appell principali tal-konvenuti; (3) li f'materja ta' dezerzjoni l-ligi ghandha tigi interpretata b'mod ristrett; u (4) li t-terminu ta' sena japplika biss fil-kaz ta' rikors ta' appell mid-data tal-presentata tar-rikors u l-ligi ma taghti ebda terminu ta' sena mid-data tar-risposta li jkun fiha wkoll appell incidentali.

**5.** Il-Qorti tibda billi tosserva li ma hux korrett l-appellat meta donnu jimplika li l-eccezzjoni ta' deserzjoni – sia jekk tal-appell principali sia jekk ta' dak incidentali – ma tistax tigi sollevata *ex officio.* Dan il-punt ga gie deciz diversi drabi minn din il-Qorti – ara, fost ohrajn, is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***George Sciberras et v. Josephine Spiteri et*** u ***Formosa & Camilleri Limited noe v. W.J. Parnis England noe et***, it-tnejn decizi fit-8 ta' Gunju 2004, u s-sentenzi fihom indikati. Pero`, kif gie ritenut fl-imsemmija kawza ***Sciberras v. Spiteri***, l-eccezzjoni tad-deserzjoni tista' tigi rinunzjata implicitament minn min ghandu l-aktar interess li jissollevaha (f'dan il-kaz l-appellant Caruana). Fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-appellant Caruana ma ta ebda eccezzjoni perentorja (Art. 732, Kap. 12) huwa pero` deher ghas-smigh (tramite l-Avukat tieghu Dott. Joseph Schembri), ma sollevax li l-proceduri bil-miktub ma kienux gew maghluqa u

xjentement halla lil haddiehor (cioe` lil Garnisi) jghaddi ghal atti ohra – senjatament in-nota ta' riferenzi/sottomissjonijiet – bla ma ta dik l-eccezzjoni. F'dan il-kaz, ghalhekk, kien hemm ir-rinunzja implicita kontemplata fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 963 tal-Kap. 12. Konsegwentement, u indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra, ma jistax jinghad li l-appell incidentali mar dezert.

**6.** Fis-sens premess, ghalhekk, tiddeciedi l-kwistjoni minnha stess sollevata *ex officio*, u tordna l-prosegwiment tal-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------